# Il-knisja ta' Santa Caterina d'Italia
# - Valletta -

Kitba ta' Rev. Jonathan Farrugia

Id-drittijiet tal-propjetà intellettwali (copyright) huma kollha miżmumin mill-awtur/i oriġinali tal-kitba u mis-sit www.kappellimaltin.com. Ikteb lil webmaster@kappellimaltin.com għall-permess biex tuża dan il-materjal.

Santa Katarina ta' Lixandra kienet minn dejjem meqjusa mill-kavalleri Taljani tal-Ordni ta' San Ġwann bħala l-patruna tagħhom. Kienet għal dir-raġuni li huma ħadu l-inkarigu li jipproteġu lill-pellegrini li kienu fi triqthom lejn il-monasteru tagħha li hemm fuq il-muntanja Sinaj. Ma setax jonqos li ma jibnux knejjes iddedikati lilha kull fejn kienu jkunu mibgħuta.

## Il-knejjes tal-kavallieri Taljani ġewwa Rodi u ġewwa l-Birgu

Meta l-Ordni tal-Kavalleri ta' San Ġwann tkeċċa mill-Belt Qaddisa ta' Ġerusalemm fl-1309 u ġie trasferit għall-gżira ta' Rodi, l-ammiralju Fra Domenico d'Allemagna, balliju ta' Napli, bena knisja *ad unur* Santa Katarina fil-belt ta' Rodi fl-1392. Flimkien ma' din il-knisja bena wkoll sptar. Huwa ħalla diversi artijiet u għelieqi biex minnhom il-knisja u l-isptar ikollhom il-flus għall-ispejjeż li jistgħu jinqalgħulhom. Kienet ix-xewqa tiegħu li din il-knisja u l-isptar ta' magħha jibqgħu ġuspatronat tal-ammiraiju tal-Ordni, li kellu d-dritt li jagħżel il-kappillan tal-knisja u s-supretendent tal-isptar. Fil-fatt din il-knisja baqgħet ġuspatronat tal-Ordni sakemm dawn ġew imkeċċija mill-ġdid fl-1522. Meta l-Papa Piju II ried li din il-knisja taqa' f'idejn l-arċisqof tad-djoċesi ta' Rodi fl-1459, kien l-arċisqof stess li rrifjuta din il-kariga minħabba li kien jaf li l-knisja kienet il-propjetà tal-kavallieri u mhux tad-djoċesi.

Minn ktieb ta' vjaġġatur Belġjan ippubblikat fl-1828 (*Descriptions des monuments de Rhodes* ta' Bernard Eugene Antoine Rottiers) nafu li din il-knisja kienet għadha fi stat tajjeb u tintuża bħala skola sa dak iż-żmien.

Meta fl-1530 l-Ordni ġie Malta, għall-ewwel stabilixxa ruħu ġewwa l-Birgu, u f'qasir żmien inbniet kappella oħra ddedikata lil Santa Katarina. Giacomo Bosio jirrapporta li l-festa tagħha kienet tiġi ċċelebrata mill-kavallieri b'solennità kbira, u li fiha kienu jieħdu sehem id-dinjitarji kollha tal-Ordni.

L-ewwel referenza għall-eżistenza ta' din il-knisja ġejja minn deliberazjoni tal-1560 fejn il-kavallieri Taljani obbligaw lill-kappillan ta' din il-knisja Fra Antonio Bandiera, biex kull sitt xhur jagħmel rendikont mal-prokuraturi u jagħtihom 40 tari' u żewġ grani, liema flus kienu jidħlu mill-offerti li kienu jagħmlu l-kavallieri ġodda f'jum il-professjoni tagħhom.

Din il-knisja baqgħet il-mekka tal-kavallieri Taljani sa l-1572, meta s-*sede* tal-Ordni ġiet trasferita għall-Belt Valletta. F'dik is-sena l-kappillan Fra Alfonso Domenici rċieva xi struzzjonijiet biex jagħti r-relikwi, l-paramenti liturġiċi u l-ornamenti sagri ta' din il-knisja lill-prokuraturi tal-kavallieri tal-Lingwa tal-Italja. Madanakollu l-knisja xorta waħda baqgħet miftuħa għan-nies, fil-fatt fil-minuti tal-vista pastorali li għamel monsinjur Dusina fl-1575 jissemma' li kienet għadha tgawdi venerazzjoni kbira mill-poplu. Fl-1579 ġiet desakrata mill-isqof Gargallo (li baqa' magħruf għall-ammot straordinrju ta' knejjes li ddesakra kemm dam Isqof ta' Malta), imma tissemma' mill-ġdid fil-minuti tal-viżta pastorali ta' monsinjur Molina xi snin wara.

**Il-bini tal-knisja ta' Santa Katarina fil-Belt**

Ir-raġuni għalfejn Fra Domenici rċieva ordni biex jagħti kollox lill-prokuraturi tal-kavallieri Taljani fl-1572 kien għax Fra Ludovico Folchi talab li jingħata kollox f'idejh biex fi żmien sena (sad-19 ta' Settembru 1573) jibni knisja oħra ddedikata lill-istess qaddisa fil-Belt il-ġdida, Valletta.

Minkejja li Folchi ingħata r-responsabbiltà li jagħmel dan, inqala' xi nkwiet bejnu u bejn xi kavallieri oħrajn ta' kariga għolja, tant li ġie maħsub li l-proġett jagħtuh lil ħaddieħor. B'xi mod jew ieħor irnexxielu jibqa' fit-tmun tal-proġett u, wara ħafna diskussjonijiet u polemiċi, il-knisja tlestiet lejn tmiem is-sena 1578. Achille Ferris *f'Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo* (1866) jgħid li din il-knisja tlestiet fl-1566. Din id-data hija żbaljata

għax fl-Arkivju tal-Ordni (volum 2125, paġna 270) tissemma' d-data proprja ta' meta din il-knisja tlestiet, jiġifieri l-1578. Ġiet tiswa 350 skud, 150 aktar milli kien maħsub fil-bidu. Il-kwadru titulari oriġinali tagħha kien tpitter f'Ruma minn artist anonimu; għalih ikkontribwew diversi kavallieri Taljani.

Wara l-mewt ta' Folchi, fl-1601, inħatar bħala kappillan ġdid tal-knisja Dun Gaspare Scaglione li kellu diversi obbligi aktar minn ta' qablu. Apparti milli jieħu ħsieb il-knisja, Scaglione kellu jipprovdi x-xemgħa għall-quddies, iż-żejt għal-lampier u t-torċi għal dawk li jsiru kavallieri fi ħdan il-Lingwa tal-Italja. Mingħand kull professat ġdid huwa kien jaqla' żewġ skudi. Kull nhar ta' Erbgħa kien obbligat iqaddes quddiesa b'suffraġju għal ruħ ir-Rev. Folchi, kif ukoll quddiesa kantata oħra l-għada tal-festa ta' Santa Katarina b'suffraġġju għall-erwieħ tal-kavallieri Taljani mejtin.

Meta nbidel il-kappillan fl-1608, il-ġdid, Fra Michele Fanale, sab il-knisja nieqsa minn ħafna paramenti meħtieġa għal-liturġija kif suppost. Barra minn hekk il-bini fih innifsu kien fi stat ħażin, minkejja li bil-kemm kien ilu mibni ħamsa u għoxrin sena. Tliet snin wara beda xi xogħol ta' restawr. Kienu diversi l-kavallieri Taljani li taw l-offerti tagħhom għal dan ix-xogħol; fosthom jissemma' wieħed li xtaq jibqa' anonimu li offra mitejn skud. Matul ir-restawr saru ħafna tibdiliet fil-knisja – kullma baqa' mill-oriġinali kienet il-prospettiva tal-altar ta' Santa Katarina. F'daż-żmien mal-faċċata twaħħlet l-istemma tal-Gran Mastru Caraffa.

Fl-1624 f'din il-knisja twaqqaf altar iddedikat lil Santa Katarina ta' Bologna bil-ħidma tal-kavallier Luigi Fava skont ix-xewqa ta' ħabibu l-kavallier Geronimo Gerio. Fl-1626 saru aktar restawri li fihom twessa' l-bieb prinċipali u nbidel it-taraġ li jagħtu għalih. Bejn l-1657 u l-1659 il-kwadru titulari oriġinali li kien sar fl-1581 inbidel ma' ieħor ta' Mattia Preti. Mhux magħruf jekk dan il-kwadru kienx rigal tal-artist lill-kavallieri Taljani – iżda aktar tard huwa talab biex jintlaqa' bħala kavallier tal-Lingwa tal-Italja, għalhekk jista' jkun li l-pittura tal-patruna tagħhom kien tahielhom b'xejn.

Skont leġġenda popolari li nsibuha fil-ktieb klassiku ta' Achille Ferris *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo* jingħad li dan il-kwadru kien sar oriġinarjament għall-parroċċa taż-Żurrieq, imma mbagħad peress li tant kien sabiħ, il-kavallieri Taljani rieduh għalihom. B'konsegwenza ta' hekk

Preti kellu jpitter pittura oħra għaż-Żurrieq – u b'hekk inħoloq il-kapulavur tat-trijonf ta' Santa Katarina fuq ir-rota li għadu jżejjen il-knisja ewlenija tar-raħal sal-lum. Mill-biografija ta' Preti li kiteb De Domenici, iżda, jidher illi din il-leġġenda m'hi xejn għajr ħrafa. Fil-fatt l-ewwel kwadru li Preti kien pitter għal din il-kappella ma' kienx dak tal-qtugħ ir-ras tal-qaddisa (dak li hemm illum), imma dak tal-għerusija mistika ta' Santa Katarina, li llum jinsab fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-kappella tal-Italja. Meta tlesta l-bini tal-konkatidral, li dak iż-żmien kien il-knisja konventwali tal-Ordni ta' San Ġwann, it-titular tal-knisja ta' Santa Katarina, li kien jirrappreżenta l-għerusija tagħha, ttieħed fil-knisja l-ġdida tal-Ordni u fil-knisja l-oħra tqiegħed kwadru ġdid – dak li għadu hemm sal-lum.

## Restawr u tibdil

Fl-1639 sar terremot qawwi li nħass f'bosta nħawi f'Malta. Fost il-bini li ġġarraf ta' min isemmi l-Katidral l-antik tal-Imdina. Fil-Belt il-ġdida kien hemm bosta bini li sofrew xi ħsarat bħala konsegwenza ta' dan it-terremot, fosthom il-knisja ta' Santa Katarina u l-Berġa tal-Italja li hemm mibnija magħha. Għal xi raġuni jew oħra ma sarx restawr estensiv sal-1711, meta l-kappillan kien Fra Guglielmo Sannazzaro. Hu avża lill-prokuraturi li s-saqaf kien se jaqa', li l-ħitan kienu qed jitmermru, li kien hemm bżonn jibidel l-altar prinċipali u bil-bżonn li tinbena gallerija għall-kant fuq il-bieb. Għall-ewwel ġie deċiż li jsiru xi restawri parzjali, imma mbagħad ġie aċċettat li ssir prattikament ri-edifikazzjoni tal-knisja kollha.

Ħafna kavallieri u nies prominenti ta' dak iż-żmien taw l-offerti tagħhom għal dan il-proġett, fosthom il-Balliju Spinola li ħallas ħafna mill-ispejjeż tal-bini mill-ġdid, u l-Prijur tax-Xabla li ta ħafna flus u ordna li jsiru żewġ pitturi taż-żejt biex jitpoġġew fil-knisja meta x-xogħol jitlesta.

Fit-23 ta' Ġunju 1713 ġie approvat il-proġett tal-faċċata li nbniet kif narawha llum bil-portiku maestuż li għandha. L-espert tal-arti Vincenzo Bonello jatribwixxi dan il-portiku lil Vittorio Carapecchia. Lejn tmiem l-istess sena, meta x'xogħol kien għadu għaddej, naqsu l-flus u l-prokuraturi kellhom jisselfu 400 skud mħollija f'legat mill-prijur Antonio Viabi. Il-ftehim kien li l-ewwel flus li jdaħħlu mill-knisja kellhom imorru biex

jitħallas dan is-self; f'każ li l-knisja ma tirrendix biżżejjed, kellhom jinbiegħu il-platti tal-fidda tal-Berġa tal-Italja.

Ix-xogħol tlesta fl-ewwel xhur tal-1714. Il-kommendatur Fra Cristoforo Balbiano offra 1000 skud li bihom tħallsu parti kbira mill-ispejjeż għall-altar il-ġdid tal-irħam li nħadem Ruma taħt il-ħarsien tal-kavallier Nicola Bonaventura Lomellini. Dan l-altar tal-irħam mill-ifjen kien imżejjen bi privileġġi speċjali mill-Papa Gregorju XIII – kull min iqaddes fuq dan l-altar jirċievi indulġenzi speċjali, daqs li kieku jkun qed iqaddes fuq l-altar prinċipali tal-knsija ta' San Gregorju f'Ruma. Fl-istess sena nħadmet il-gallerija fuq il-bieb prinċipali. It-taraġ li jagħti għaliha tħaffer ġol-ħajt, kontra l-opinjoni ta' diversi periti u tekniċi.

Matul is-snin ta' wara sar aktar xogħol ta' tisbiħ. Fl-1727 il-portiku ingħalaq bi grada tal-ħadid, li nbidlet f'kanċell fl-1759. Il-faċċata b'hekk ħadet id-dehra li narawlha llum: sempliċi u armonjuża. Fin-naħa ta' fuq tal-portiku jidhru diversi skulturi ta' palm u tiżjin ieħor bl-istil barokk ta' dak iż-żmien. Fih ukoll din l-iskrizzjoni:

Hoc sacellum divae catherinae<br>
dicatum italica pietas prout potuit<br>
reparavit auxit et ornavit. anno domini 1713

li tfisser "*Il-lingwa tal-Italja rranġat, kabbret u żejnet kemm setgħet mit-tjieba tagħha din il-knijsa tal-imqaddsa Katarina fl-1713*".

Aktar 'il fuq tidher skrizzjoni oħra li tfakkar il-privileġġi spiritwali li tgawdi l-knisja u tfakkar ukoll ir-restawri li kienu għadhom kemm saru.

D.O.M.<br>
D. Catharinae V. et M. insigne reliquiis<br>
Araque privilegiata vetus hoc templum<br>
vetustiorem vero patronae suae cultum<br>
italica equestris natio<br>
instaurando adauxit<br>
anno dni. mdccxiii

li tfisser "*Il-kavallieri tal-Italja rranġaw l-altar privileġjat, aktar antik minn dan it-tempju, li jżomm ir-relikwi magħrufa ta' Santa Katarina V. M. u b'hekk kabbru verament il-kult tal-patruna tagħhom. 1713*."

Matul is-snin li kienet għadha tintuża mill-Ordni, f'din il-knisja kienu jsiru diversi ċerimonji solenni. Fl-1707 saret ċelebrazzjoni solenni b'ringrazzjament tat-twelid tal-prinċep tal-Awstrja. Fiha tkanta t-*Te Deum* li għalih attendew diversi nies distinti. Fl-1722 saret ċelebrazzjoni simili b'tifkira ta' meta Carlo VI sar re ta' Sqallija. Kull meta kien jilħaq xi Gran Mastru tal-Ordni ġdid kien jitkanta t-*Te Deum*; dan kien isir b'aktar solennita' jekk il-Gran Mastru kien ikun xi kavallier Taljan.

**Deskrizzjoni tal-knisja**

Il-knsija għandha forma ċirkolari bi tmint iġnub li jżommu fuqhom koppla. Fuq din hemm lanterna żgħira, eleganti, li ddawwal il-knisja. Madwar il-koppla hemm impittrin bil-*chiaroscuro*, qishom *reliefs*, l-episodji prinċipali tal-ħajja ta' Santa Katarina. Dawn saru fl-1660 minn Leonardo Romeo li kien alliev ta' Mattia Preti. Hemm min jgħid li l-pittura ta' din il-knisja kien bdieha Mattia Preti u komplieha Romeo. Sakemm sar ir-restawr ta' din il-knisja fis-snin sittin minn Luigi Pigazzini, f'uħud minn dawn l-affreski jidher l-effett taż-żmien, imma oħrajn kienu għadhom fi stat ta' konservazzjoni tajjeb ħafna. Fost l-aktar li kienu fi stat tajjeb hemm it-twelid ta' Katarina, id-dehra tagħha quddiem Massiminu, id-disputa mal-filosfi tal-Eġittu u t-tortura tar-rota.

Fuq l-altar titulari hemm koppla żgħira oħra. Din fiha affresk magħmul mill-istess Romeo u jirraffigura l-Missier Etern fil-glorja. Il-pittura titulari hija ta' Mattia Preti u turi l-martirju tal-qtugħ ir-ras ta' Santa Katarina V.M. Din hija mdawwra bi gwarniċ tal-ġebel indurat. Fuqha hemm l-arma tal-lingwa tal-Italja imdawwra bil-palm. Il-qaddisa tidher għarkubbtejha fuq palk b'idejha marbutin b'ħabel, miżmum mit-tarf l-ieħor minn manigold. Fuq naħa tat-tfajla jidher manigold ieħor li qed jislet ix-xabla . Taħt il-palk hemm imħallef qed iżomm parċmina li fiha hemm miktuba l-kundanna. Diversi nies qed iħarsu lejn it-tfajla fl-aħħar mumenti ta' ħajjitha. Fin-naħa ta' fuq jidhru żewġ anġli lesti biex jieħdu ruħ il-qaddisa lejn is-sema.

Fuq dan l-altar hemm sitt gandlieri antiki. Kull waħda minn dawn fiha l-istemma tal-lingwa tal-Italja, l-arma ta' Santa Katarina u l-arma tal-kunjom tal-benefattur.

Fuq iż-żewġ naħat tal-kor hemm żewġ pitturi oħra li Ferres jgħid li huma ta' skola Spanjola. Dawn jirrappreżentaw l-għerusija ta' Katarina mat-tfajjel Ġesu' u d-disputa mal-filosfi. Fuq l-altar tal-lemin hemm pittura tal-Madonna Addolorata li hija l-unika pittura ta' Benedetto Luti li hawn f'Malta. L-altar ta' faċċata huwa ddedikat lill-Kurċifiss u kien lok ta' ħafna devozzjoni minn missirijietna. Fih pittura kbira ta' Kristu msallab li għandha storja nteressanti ferm. Jingħad li Fra Costanzo Vella, li kien jieħu ħsieb il-knisja ta' Santa Katarina fil-bidu tas-seklu tmintax, fi xjuħitu kien qal li meta kien għadu żgħir kien qiegħed l-Italja ma' xi ħbieb u ltaqgħu ma' xi reliġjużi li kienu qed jieħdu dix-xbieha minn pajjiż għall-ieħor. B'xi mod hu rnexxielu joħodulhom u ħadu miegħu f'daru fi Piacenza. Fl-1720 ġab din il-pittura miegħu Malta u taha lill-knisja ta' Santa Katarina, fejn għadu sal-lum. Haġa stramba f'din il-pittura hi li mill-bogħod wiċċ Kristu jidher kif għandu jkun, imma mill-qrib la jidhru għajnejn, la mnieħer u anqas ħalq! Kien minħabba f'hekk, forsi, li Fra Costanzo kien xerred ix-xniegħa li din il-pittura kienet tpinġiet mix-xitan.

Fuq dan l-altar hemm statwa antika u artistika ta' San Ġużepp.

Hemm pittura oħra tal-għerusija ta' Santa Katarina mal-Bambin Ġesu' li hija xogħol tal-pittur Fjorentin Filippo Paladini. Apparti l-figuri tradizzjoni ta' Santa Katarina, Ġesu' u l-Madonna, fiha jidher ukoll San Ġwann Battista jżomm il-bandiera tal-Ordni. Fl-isfond tidher l-istemma tal-Lingwa tal-Italja: il-kelma *Italia* miktuba b'ittri tad-deheb fuq sfond iswed.

Kien hemm pitturi oħrajn li mas-snin sabu ruħhom fil-konkatidral ta' San Ġwann, fosthom il-kwadru famuż ta' San Ġlormu, dak ta' Santa Marija Maddalena, u probabilment il-pitturi ta' San Ġwann fid-deżert u tal-Familja Mqaddsa li jinsabu fil-kappella ta' San Pawl fil-konkatidral, eżatt maġenb il-kapella ta' Santa Katarina. Ferres jgħid li dawn ittieħdu mill-knisja ta' Santa Katarina.

Hemm żewġ pitturi oħra li jirrappreżentaw l-għerusija tal-Madonna ma' San Ġużepp u iż-żjara tal-Madonna lil Santa Eliżabetta. Dawn kienu tneħħew mill-knisja u tpoġġew fil-Berġa tal-Italja fl-1720. Meta telaq l-Ordni minn Malta fl-1798, reġgħu sabu posthom fil-knisja.

Fis-sagristija nsibu żewġ pitturi oħra: wieħed tad-Duluri u l-ieħor ta' Don Gio. Fancesco Segnani, ġiżwita Żebbuġi li għal xi żmien kien is-segretarju tal-Lingwa tal-Italja. F'din is-sagristija nsibu wkoll relikwarju barokk tal-injam indurat li fih ir-relikwi tal-qaddisa, tliet karti glorja arġentati bl-arma tal-lingwa tal-Italja u terħa ħamra rrakmata bid-deheb bl-istemma tal-benefattur.

Mill-inventarju li kien sar fit-30 ta' April 1713 nafu li l-knisja kellha bosta teżori. Dawn kienu jintrefgħu fil-Berġa tal-Italja, imma nsterqu fl-invażjoni Franċiża tal-1798. Minn dawn baqa' biss kalċi tal-fidda bl-emblema ta' Santa Katarina u bust tal-irħam tad-Duluri, magħluq fl-injam.

Fil-bidu tas-seklu għoxrin l-irħam tal-art inbidel u d-disinn il-ġdid juri s-salib tal-kavallieri.

Għalkemm huwa ċert li diversi nies indifnu f'din il-knisja, fiha nsibu biss tliet lapidi: waħda tinsab f'nofs il-presbiterju u t-tnejn l-oħra, waħda fuq kull naħa fil-ħitan tal-altar. Dik li tinsab fin-nofs hija ta' Fra Alessandro Covoni, li kien miet Malta f'Ġunju tal-1620; dik fuq ix-xellug hija tal-kavallier Giacopmo Garofalo li miet fl-1766, filwaqt li dik tal-lemin hija mafkar tal-kavallier Francesco Picolomini, li miet fl-1658. Iżda dan Piccolomini jinsab midfun fil-konkatidral ta' San Ġwann, mhux f'din il-knisja.

## Wara ż-żmien tal-Ordni

Meta telqu l-kavallieri minn Malta din il-knisja għamlet xi żmien mitluqa, imma xorta waħda dejjem kien hemm xi qassisin li baqgħu iqaddsu fiha. Fl-1833 f'din il-knisja t-tfal kienu jitgħallmu l-katekiżmu. Mit-23 ta' Frar 1849 din il-knisja laqgħet fiha l-kongregazzjoni tal-Qlub Imqaddsa ta' Ġesu' u Marija, skont digriet tal-isqof Sant. Għal din l-okkażjoni kienu saru żewġ

pitturi oħra tal-qalb ta' Ġesu' u ta' Marija, impittrin fi stil Biżantin minn Giuseppe Calleja taħt id-direzzjoni ta' Hyzler.

Għal xi żmien kienet tinżamm f'din il-knisja l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li kienet iddur il-parroċċi ta' Malta u Għawdex. Din inħadmet mill-istess skultur li kien ħadem l-istatwa famuża li tinsab fil-bażilka ta' Fatima fil-Portugal. Kienet inkurunata mill-Papa Piju XII u nġiebet Malta fl-1948.

Din il-knisja għamlet diversi snin (sas-sena 2000) isservi bħala l-knisja parrokkjali tal-komunita' ta' Taljani li jgħixu hawn Malta. Ftit tas-snin ilu inbeda' proġett ta' rijabilitazzjoni sħiħa fuq din il-knisja. Ġiet imnaddfa u rrestawrata b'mod estensinv minn barra. Meta beda x-xogħol fuq ġewwa dan kellu jieqaf għal żmien indefinit minħabba li naqsu l-fondi. Sakemm jitlesta x-xogħol, il-kwadru titulari tal-martirju ta' Santa Katarina tqiegħed fil-Mużew tal-konkatidral ta' San Ġwann.

Dan l-aħħar, bħala parti mill-proġett ta' Bieb il-Belt u tal-Parlament il-ġdid, il-bini tal-għassa tal-pulizija li kien hem fuq ix-xellug tal-knisja twaqqa' biex inħolqot pjazza żgħira minflokha. L-effett fuq id-dehra ta' din il-knisja kien qawwi ħafna għax issa l-knisja ħarġet bi prominenza akbar fl-ambjent li qiegħda fih u tista' titgawda aħjar kif kienet titgawda oriġinarjament.